MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Numru 80/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia**
**V**

**MARIO CUTAJAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARIO CUTAJAR** ta' erbghin sena bin Joseph u Carmela nee Giordmaina imwieled r-Rabat, Malta nhar t-tlieta ta' Marzu 1962 u residenti 42, Triq Doni l-Qadima, Rabat, Malta, detentur tal-karta tal-identita numru 147962M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli f'Hal Balzan u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer fit-tnejn w ghoxrin ta' Jannar 2003 u fit-tlett snin ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bil-hsieb li jestorca flus jew xi hag'ohra, jew li jaghmel qliegh jew bil-hsieb li jgieghel lil

Melchior Bonnici detentur tal-karta tal-identita 30581M jew persuna ohra tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb jew tbiddel testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, <u>hedded li jaghmel denunzja jew kwerela </u>kontra jew <u>li jaghti malafama</u> lil dik il-persuna jew persuna ohra;

2. Liema theddid wasal fil-hsieb tieghu;

3. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement f'Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbiegh jew imexxi dawn l-oggetti.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Ottubru 2003 [fol 80] sabiex din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tal-hdax ta' Ottubru 2004 [fol 108].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tmintax ta' April 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sbatax ta' Frar 2003 **xehed l-Spettur Kevin J. Farrugia** [fol 16] fejn stqarr li fit-tlieta w ghoxrin ta' Jannar 2003, ghall-habta tal-erbgha neqsin kwart l-Pulizija tad-distrett ta' B'Kara kellhom rapport minghand Melchiore Bonnici detentur tal-karta tal-identita numru 30581M, biex imorru fejn il-Melita Bar, f'Hal Balzan in konnessjoni ma x'incident fejn gie allegat li dan kien gie mhedded minn certu Mario Cutajar. Fir-rapport gie allegat li ghal perjodu ta' zmien Melchiore Bonnici kien qed jigi mitlub jhallas pagamenti ta' flus lil Mario Cutajar liema somma li kien allegatament ircieva Mario Cutajar kienet tammonta ghal tmint elef lira cirka. Gie rapportat minn Melchiore Bonnici

li kien qed jigi mgieghel jisraq xorb alkoholiku mill-Melita Bar liema konsenja kellha wara tghaddi ghand Mario Cutajar. Melchiore Bonnici allega wkoll li kien qed jigi mhedded minn Mario Cutajar li jekk jitkellem, dan joqtlu u jikxfu mal-Pulizija u li kien ser igiblu nies bit-tpingija mill-Imqabba. Ix-xhud kompla jghid li ghalhekk ittiehdet stqarrija ta' Mario Cutajar [fol 6] wara li dan inghata s-solita twissija, fejn fiha stqarr li kien lest jirrifondi lura l-flus u li kien lest li jixhed l-Qorti, liema stqarrija l-imputat ghazel li jiffirma.

Nhar t-tmintax ta' Setembru 2003 **rega' xehed l-Ispettur Kevin J. Farrugia** [fol 70] fejn esibixxa television tal-marka Premium serial number 5098643000723 li gie mmarkat bhala dokument KF, liema television kien gie elevat minghand Melchiore Bonnici li allegatament kien sar theddid dwaru, kif wkoll ricevuta li giet mmarkata bhala dokument KF 1 wkoll minghand Melchiore Bonnici w ikkonferma l-firem fuq dawn l-iskritturi bhala tieghu kif wkoll ta' Melchiore Bonnici. Zied jghid li l-imputat kien jaf b'dan t-television u li fil-fatt kien anke rrisponda xi domandi li kienu sarulu fuqu meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu l-imputat.

Nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Novembru 2004 **rega' xehed l-Ispettur Kevin J. Farrugia** [fol 120] w ikkonferma li l-Pulizija kienet ser tiehu pasi kriminali fil-konfront ta' Melchiore Bonnici ghar-rigward r-reat ta' serq u dan in vista tax-xhieda li hu ta tul dawn il-proceduri.

Nhar t-tmintax ta' April 2005 **rega' xehed l-Ispettur Kevin J. Farrugia** [fol 225] fejn mistoqsi jekk ittehdux passi fil-konfront ta' Melchiore Bonnici, wiegeb li qeghdin fi stadju li jinbdew proceduri fil-konfront tieghu ghar-rigward komplicita fuq serq ta' television u xorb alkoholiku. Mistoqsi jekk s-Sur Cassar ghamilx rapport fil-konfront ta' Melchiore Bonnici ix-xhud wiegeb li kienu nqalghu xi kwistjonijiet civili bejniethom. Qal li hu kien tela' jixhed f'kawza civili li kienet ghaddejja fil-konfront ta' Melchiore Bonnici minn sid l-Melita Bar. Mistoqsi jekk ghadux impjegat fl-imsemmi stabbiliment ix-xhud wiegeb li ma jidhirlux. Qal li veru Melchiore Bonnici kien qallu li kien

jikteb notamenti tieghu dwar hlasijiet li ghamel l-imputat fuq diary pero Melchiore Bonnici kien qallu li kien iddistruggih ghaliex ma hasibx li dan il-kaz kien ser jispicca f'idejn il-Pulizija.

Illi nhar s-sbatax ta' Frar 2003 **xehed Melchior Bonnici** [fol 18] fejn qal li hu kien ilu jahdem fil-Melita Restaurant bhala part time ghal xi sitt snin. Mistoqsi jekk qattx ghamel xi rapport lil Pulizija ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk qattx kellu xi probhlema ma xi haddiem tieghu tal-Melita Bar x-xhud wiegeb li kellu problema mal-kok u cioe l-imputat odjern u li kien biss dan l-ahhar li kien ghamel rapport lil Pulizija dwaru. Qal li l-imputat kien ilu sentejn imqabbad mieghu u jheddu li ser igiblu nies mill-Imqabba u li kien igieghlu jisraq xorb mill-Melita Restaurant biex jaghtih lil ommu. Stqarr li fil-fatt kien ha cirka mitt flixkun ghal imputat u peress li kien xtara television minn fuq l-idejn, l-imputat kien jbezzghu bih. Qal li dwar s-serq li kien jaghmel, l-imputat kien jheddu bih li kien ser jehel ghalih, u li kien ghamel zmien twil jaghti s-salarju tieghu li kien jaqbad mill-Melita lil imputat. Stqarr li kien jaqla cirka disghin lira fil-gimgha u wara li jaghti xi flus lil imputat kien jifdallu xi ghaxar liri biss u li dan dam ghaddej jaghmel hekk ghal perjodu ta' cirka sentejn. Qal li minhabba dawn il-problemi finanzjarji li kellu minhabba l-imputat, anke l-affarijiet personali tieghu marru lura bhal per ezempju kellu jhallas l-insurance sitt xhur wara. Qal li l-imputat kien jheddu li kien ser joqtlu u li kien salvagg mill-Imqabba u shabu li kienu mill-Imqabba kienu lesti jmorru ghalih. Qal li dawn il-flus gieli ghaddihomlu l-Melita stess u gieli barra. Qal li kien hemm zmien meta ma kienx jkollu flus x'jaghtih u l-imputat kien jzommlu l-imghax fuqhom. Qal li meta ma kienx jaghtih flus, l-imputat kien icempillu d-dar u fuq l-mobile u ma kienx jhallih bi kwietu. Qal li fis-sena 2001 kien ghadda lil imputat cirka hamest elef lira u fis-sena 2002 ftit aktar minn tlett elef lira. Zied jghid li ghall-ewwel kien izomm kalkolu ta' kemm kien jaghtih flus f'diary, pero wara sena kien remih. Mistoqsi kif kien jghaddi l-fliexken tax-xorb lil imputat, x-xhud wiegeb li bil-lejl kien ikun inaddaf, jiehu l-fliexken mieghu d-dar w imbaghad l-imputat kien imur ghalihom u hu kien jghaddihomlu go basket. Qal li mbaghad l-imputat kien

jpoggihom go kaxxa fil-booth tal-karozza tieghu. Qal li hu kien dam part timer ghal sitt snin u full timer ghal l-ahhar sentejn. Mistoqsi minn fejn kien l-imputat, x-xhud wigeb li skond ma kien qallu hu, mill-Imqabba. Qal li l-Melita qeghdin sitta minn nies bhala haddiema. Ikkonferma li l-imputat ma kienx ikun mieghu meta jisraq l-whisky, kien ikun wahdu u dan kien isehh darba fil-gimgha, nhar ta' Hadd waqt il-hin tax-xoghol. Ix-xhud cahad dak li gie suggerit lilu mill-Avukat Difensur li kien hemm xi serq ta' sigaretti minn fuq ragel xih. Qal li kien hemm xi kwistjoni meta kien imur jbiddel il-magna tas-sigaretti fis-sens li kien jiftah l-istess magna u jpoggi s-sigaretti mill-gdid u l-flus li kien johrog mill-magna kien jaghtihom lil sid tal-hanut biex isarrafhom waqt li kien ikun jimla l-magna. Qal li dan x-xih kien izomm xi flus meta kien jsarrafhom pero hu ma kienx jinduna. Stqarr li darba minnhom kien qal lil imputat li kien lest li joqtlu u jisirqu lil dan x-xih peress li kien rrabbjat hafna ghalih. Qal li sussegwentement kien irrapporta lil agent tas-sigaretti biex joqghod attent dwar dan x-xih. Qal li darba kien hemm television tal-erbatax il-pulzier miz-zghar u kien hemm ragel li kien talbu sittin lira tieghu u hu kien tahomlu u hadu. Qal li meta kien qal lil imputat b'dan t-television, l-imputat kien jbezzghu bih. Mistoqsi kif sar jaf l-imputat b'dan t-television, ix-xhud wiegeb li setgha jaghti l-kaz li kien qallu hu stess bih pero dan qabel ma beda jisraq il-whisky. Mistoqsi ghaliex m'ghamilx rapport mal-Pulizija dwar dan ix-xhud wiegeb li l-imputat kien jghidlu li hu akbar minnu u ghalhekk l-imghallem kien ser jemmen lil imputat u mhux lilu u ghalhekk kien jibza. Ix-xhud qal li fl-ahhar ma ssopportix gej u sejjer l-isptar minhabba wgiegh fl-istonku, w iddecida li jikxef kollox. Qal li l-imputat kien isarraflu ta' spiss kemm ic-cekk tal-leave u dak tal-bonus tieghu u jzommhom ghandu. Qal li l-bonus tieghu kien ta' erbghin lira filwaqt li tal-leave kien ta' mija u hamsin lira maltin. Qal li f'Dicemrbu kien haliflu li ma kienx ser jkollu x'jaqsam aktar mieghu pero f'Jannar l-imputat kien rega' beda. Ix-xhud zied jghid li l-imputat kien dejjem jghidlu li kien ragel perikoluz u jekk joqtlu, ma kienx ikun jaf fejn.

Nhar t-tmintax ta' Settembru 2003 **rega' xehed Melchiore Bonnici** [fol 75] fejn wara li gie muri television markat

bhala dokument KF, qal li dak t-television kien xtrah xi sentejn qabel minghand persuna li dakinhar ma setghax jiftakar u li kien l-istess television li kienu gabru l-Pulizija u li tieghu tawh ricevuta. Huwa kkonferma l-ircevuta esibita fl-atti bhala dokument KF 1 fejn fuqha gharaf il-firma tieghu. Qal li l-imputat kien dejjem jheddu fuq dak t-television u dak kien l-uniku television li xtara f'hajtu.

Illi nhar s-sbatax ta' Frar 2003 **xehed Manuel Cassar** [fol 22] fejn qal li hu l-managing director tal-Melita Restaurant f'Hal Balzan. Ix-xhud gharaf lil imputat presenti fl-awla bhala l-kok impjegat mieghu. Qal li ghall-ewwel l-imputat beda bhala part timer mieghu u sussegwentement spicca full timer u kien ilu jahdem mieghu ghal dawk l-ahhar ghaxar snin. Qal li Melchiore Bonnici kien wkoll impjegat tieghu u li meta beda jahdem mieghu kien ghad ma kellux tmintax il-sena u kien beda bhala part timer pero sussegwentement spicca jahdem bhala full timer. Qal li lil Melchiore Bonnici kien jhallsu mitt lira fil-gimgha pero <u>dan dejjem kien ikun bla flus u kien dejjem jisimghu jilletika mal-kok dwar dan</u>. Ix-xhud kompla jghid li darba minnhom induna li Melchiore Bonnici kien qed imur ghax-xoghol bil-mixi, bla karozza u kien qed jasal tard. Qal li meta kellmu dan kien qallu li ma kellux biex jhallas l-insurance u ghalhekk kien staqsih x'kien qed jaghmel bil-flus li kien jaghtih. Qal li ghal ewwel kien qallu li kien habat u li kien qed jhallas lil dak li kien habat mieghu. Ix-xhud kompla jghid li fil-fatt l-kok dak iz-zmien kien jghidlu li kienu jsibuh kwiet lil Melchiore Bonnici u sahansitra kienu anke jhedduh w ghalhekk hu kien offra lil Melchiore Bonnici sabiex jiltaqa ma min kien habat u jidhol garanti ghalih hu u jhallsu hu pero l-kok kien qallu li kien iltaqa mieghu hu u hallashom hu u fil-fatt kellu jaghtihom lilu l-flus. Ix-xhud zied jghid li l-imputat kien jghidlu li Melchiore Bonnici kien ghad jonqsu jaghtih tlett mitt lira u jekk ma jaghtihomlux kien ser joqtlu fis-sens ta' rabbja. Ix-xhud zied jghid li hu kien jghidlu lil Melchiore Bonnici dwar il-flus li kien ghad fadallu jaghti lil imputat u hu kien dahal f'din il-kwistjoni peress li lil Melchiore Bonnici kien jarah dejjem bla flus. Qal li meta kien jkellem lil Melchiore Bonnici lanqas kien ikun jaf x'ikun qed jghidlu u meta kien jkellem lil imputat fuqu l-imputat kien jghidlu "*miskin dak,*

*m'ghandux min jiehu hsiebu*" u kien jghidlu wkoll "*fil-fatt anke l-isptar hadtu jien.*" Qal li lil imputat hu kien jafdah u anke c-cavetta tal-istore kien ihallilu. Qal li hu kien spicca anke bi problemi familjari peress li kien isib affarijiet neqsin u kien jwahhal fit-tifel li fl-ahhar t-tifel tieghu kien spicca ma jahdimx mieghu. Qal li fis-sena 2002 kien hemm disgha mitt lira flus f'nuqqas ta' xorb. Qal li gieli kien imur ghandu l-imputat jitolbu l-flus ghal Melchiore Bonnici sabiex jaghtih l-paga qabel u kien jghidlu li Melchiore kien bahnan u li kellu jghidlu ghalfejn iridhom l-flus. Qal li x-xoghol hu qatt ma kellu problemi mal-imputat. Qal li l-imputat ghandu karattru li jibbulja lin-nies u jikser lil min jahdem mieghu. Qal li hu induna li Melchiore Bonnici kellu din l-problema tal-flus peress li kien imur ghal xoghol bla karozza u kien ihalliha fil-garaxx peress li ma kellux biex ihallas l-insurance. Qal li Melchiore Bonnici kien qallu dak kollu li kien qal lil Pulizija fl-istqarrija tieghu u meta stqasih x'hin kien qed jiehu l-fliexken tal-whisky, kien talbu biex jghidlu l-verita kollha. Qal li Melchiore Bonnici kien ghadu impjegat mieghu u li kien ilu jafu ghal zmien twil. Qal li kien impjegah mieghu peress li thassru u ghaliex kien haseb li hadd ma kien ser jimpjegah peress li kien ragel pjuttost twajjeb iz-zejjed. Qal li Melchiore Bonnici filghodu jahdem ta' cleaner u filghaxija ta' waiter.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2003 **rega' xehed Manuel Cassar** [fol 56] fejn qal li bhala proprjetarju tal-Melita Restaurant hu jzomm l-kotba tal-istess fond. Mistoqsi kemm kien thallas Melchiore Bonnici mill-Melita f'dawn l-ahhar tlett snin, x-xhud wiegeb li fis-sena 2001 qala hamest elef mitejn disgha w hamsin lira, sitta u tmenin lira netti f'idejh fil-gimgha, fis-sena 2002 qala hamest elef disgha mija tlieta w ghoxrin lira li jigu bejn sitta u tmenin u sebgha w disghin lira fil-gimgha. Ix-xhud esibixxa wkoll zewg kopji tal-FS 3 ta' Melchiore Bonnici li gew mmarkati bhala dokumenti PS 2 u PS 3. Qal li dan kien ilu mieghu sentejn u li kien johrog pagament darba fix-xahar dwar vettura u kien jhallas lil bank s-somma ta' sitta w sebghin lira maltin fix-xahar.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2003 **xehed PC 1122 Arthur Rizzo** [fol 41] fejn qal li nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Jannar 2003 hu kien gie msejjah jassisti ghar-rigward glieda li kienet sehhet fil-Melita Restaurant f'Hal Balzan u meta mar fuq il-post sab lil imputat, lil Melchiore Bonnici u lil missier Melchiore fejn isseparawhom u li l-ewwel ma tkellem kien ma Melchiore Bonnici. Qal li dan kien stqarr mieghu li kien qed jigi rikattat mill-imputat u li dakinhar ma felahx izjed, inqabad argument dwar qattus u ta daqqa ta' ponn lil imputat. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 44]. Ix-xhud qal li jekk ma kienx sejjer zbaljat Melchiore kien qallu li kien xtara television fuq l-idejn u l-imputat kien ser jikxfu dwaru. Zied jghid li Melchiore kien qallu li jekk hu ma jaghtix lil imputat dak li jitolbu, l-imputat kien ser jikxfu u li l-imputat kien tah qattus persjan u li wara kien talbu mitejn lira. Zied jghid li Melchiore kien qallu li hu kien ta lil imputat xi flus in konnessjoni mal-istorja tat-television u li kien hemm xi okkazzjonijiet fejn l-imputat kien talbu jiehu xi fliexken tax-xorb mir-restaurant Melita u jaghtihom lilu. Qal li appena Melchiore irrapporta dak li kien ghadu kemm qal, hu ta l-caution lil imputat w ghamillu xi domandi u fost d-domandi staqsa lil imputat jekk kienx veru dak li kien qed jigi allegat fil-konfront tieghu pero l-imputat kien cahad dan u qallu li dakinhar kien dahal kmieni ghax-xoghol u kien mar jiehu café qabel ma jibda s-shift. Zied jghid li Melchiore Bonnici kien qallu li l-imputat kien jbezzghu b'xi nies mill-Imqabba pero ma semmilhux ismijiet. Qal li meta tkellem mal-imputat dwar dan huwa cahad kollox.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2003 **xehed PC 1078 Mario Ciantar** [fol 47] fejn ikkonferma li hu kien presenti waqt li ttiehdet l-istqarrija tal-imputat, li gharaf presenti fl-awla, wara li nghata s-solita twissija liema stqarrija tinsab esibita a fol 6 et seq tal-atti odjerni. Ix-xhud gharaf fuq din l-istqarrija kemm il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Investigattiv kif wkoll tal-imputat.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2003 **xehed PS 201 Sandro Magro** [fol 49] fejn qal li f'Jannar 2003 hu kien assista lil PS 1122 Arthur Rizzo, li kien ircieva nformazzjoni li fil-

Melita Bar kien inqala x'incident u kien mar fuq il-post fejn sab lil imputat li gharaf presenti fl-awla. Qal li l-ewwel m'ghamlu kien li jzommu l-bon ordni ghaliex Melchiore Bonnici beda jallega li ghal dawk l-ahhar tlett snin kien qed jigi mhedded mill-imputat u fost kliem ohra qal il-kelma 'blackmailed' u peress li kien hemm xi kumplikazzjonijiet akkumpanjahom t-tnejn l-Ghassa ghal aktar investigazzjoni. Ix-xhud qal li kien veru li dakinhar tar-rapport Melchiore Bonnici kien ta daqqa ta' ponn lil imputat u Melchiore Bonnici kien tressaq mad-distrett ta' B'Kara. Zied jghid li pero, wara ftit tal-hin Melchiore Bonnici kkalma ghalkemm l-imputat kien kalm il-hin kollu.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2003 **xehed Edgar Bonnici** [fol 51] fejn qal li hu jigi missier Melchiore Bonnici u kien jinnota li t-tifel tieghu kien ikun imdejjaq ghal dawk l-ahhar tlett snin. Qal li kien ipprova jindaga x'kellu u skopra li dan kien nieqes mill-flus, ghalkemm Melchiore Bonnici qatt ma qallu dan. Ix-xhud qal li l-imputat kien cempel lit-tifel tieghu diversi drabi u t-tifel kien jghidlu biex ma jghidx lil imputat li kien ikun d-dar. Qal li kemm il-darba l-imputat kien imur wara l-bieb tad-dar u t-tifel ma kienx johrog jkellmu u fuq dan hu kien tkellem mal-mara tieghu. Qal li ghalkemm t-tifel tieghu kellu karozza, kien hemm zmien li lanqas flus ma kien ikollu biex jhallas l-licenzja taghha u kien iggaraxxjha ghal xi xhur. Qal li darba minnhom ibnu kien gab qattus d-dar u kien qallu li kien tahulu l-imputat u wara xi gimgha kien qalilhom li l-imputat kien talbu mitejn lira ghal dan il-qattus. Ix-xhud qal li kien qal lil ibnu li ma riedtx jaghtih flus ghal qattus u talbu biex jirritornaw l-istess qattus lil imputat. Marru r-restaurant fejn kien jahdem ibnu u hadu l-qattus maghhom u hu qaghad jistenna barra waqt li ibnu dahal bil-qattus. Zied jghid li wara ftit hareg ibnu jibki u jghid li l-imputat kien ilu jehodlu l-flus tlett snin filwaqt li jheddu u hu qabad u dahal fir-restaurant fejn sab lil imputat. Qal li l-imputat kien kwiet hafna waqt li hu beda jghajjat u jipprova jirranga s-sitwazzjoni. Kompla jghid li l-imputat ma cahadx dak li kien qed jigi allegat fil-konfront tieghu. Qal li l-imputat deher li ried jirranga pero hu ried li jdahhal l-Pulizija u ghalhekk sar rapport. Qal li t-tifel kien qisu pussessat mill-imputat. Kompla jghid li l-imputat kien jghid li mohhu

jilhaqlu u li kien jaf minn fejn kellu jghaddi. Qal li dakinhar sar jaf minghand Violet w Emanuel Cassar li l-imputat kien jghid li hu u martu kienu jisolhu l-paga lil binhom Melchiore meta fil-fatt kull ma kienu hadulu kienet biss hames liri fil-gimgha u li ghal dawk l-ahhar tlett snin lanqas biss kien tahielhom. Zied jghid li tant mhux hekk li gieli binhom kien jitlob fluq lil martu ghaliex ma kienx jkollu. Kompla jghid li llum il-gurnata t-tifel Melchiore gie ghan-normal u mhux nieqes mill-flus. Qal li wara li sar r-rapport, sar jaf li l-imputat kien anke ha lil ibnu tlett icrieket tad-deheb, gizirana tad-deheb u ktieb bil-wicc tal-fidda li kien gie moghti lilu minn nanntu. Qal li kieku m'inqalghax l-incident tal-qattus, lanqas r-rapport ma kien isir. Qal li sar jaf wkoll li l-imputat kien qed jhajjar lil ibnu Melchiore sabiex jitlaq mill-post. Zied jghid li xi sentejn qabel ibnu kien xtara karozza Hyundai li kienet tithallas direttament mill-emplyer tieghu b'rata ta' sebgha w sittin lira fix-xahar u li kien habat biha u kellu xi debitu zghir u kienet hallsitlu dan d-debitu t-tfajla tieghu Dorianne Mifsud u hu kien ghadu qed jhallasha lura. Qal li ibnu jaqla kwazi mitt lira fil-gimgha u li kien jaf li ibnu kien xtara television xi sittin lira, pero xi tlett snin qabel l-incident tal-qattus.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2003 **xehdet Rita Bonnici** [fol 54] fejn qalet li Melchiore Bonnici jigi binha. Qalet li dan binha ghamel xi zmien jinkwietha u meta kienet tistaqsih x'kellu dan kien jirripondiha fin-negattiv. Qalet li darba minnhom qalilha li l-imputat kien qed jitolbu xi flus u wara saret taf li din il-bicca xoghol kien ilha ghaddejja tlett snin. Qalet li saret taf wkoll li l-imputat kien imur jghid man-nies li huma bhala genituri ta' Melchiore Bonnici kienu qed jisolhulu l-flus. Qalet li binha kien jitlobha l-flus biex jghaddihom lil imputat u anke binha kien ghadda xi oggetti tad-deheb bhal salib, gizirana u tlett icrieket lil imputat. Qalet li kellha wkoll ktieb bil-faccata tal-fidda li anke kien spicca ghand l-imputat. Ix-xhud kompliet tghid li darba minnhom binha kien gab qattus abjad u kien allega maghha li l-imputat kien talbu mitejn lira tieghu, pero hi ma kienetx hallietu jaghtih dawn il-flus u ghalhekk kienu marru lura bih fir-restaurant fejn kien jahdem binha, pero l-imputat ma riedtx il-qattus lura. Qalet wkoll li binha kien ha television d-dar li qal li kien xtrah ghal prezz ta' cirka

sittin lira minn fuq l-idejn u l-imputat kien jheddu fuqu fis-sens li jekk binha ma jikxifx minn fejn kien xtrah l-imputat kien ser jikxfu mal-Pulizija.

Illi nhar s-sebgha ta' Jannar 2004 **xehed Jose Abela** [fol 83] rappresentant tad-Direttur tal-Licenzji, li qal li minn ricerka li hu ghamel fuq vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni LAF 131 irrizulta li din llum il-gurnata din hija registrata f'isem Emanuel Buttigieg ta' numru 6, Triq Zammit Clapp, Pieta w ilha registrata fuq ismu mit-tmienja ta' Lulju 2003. Qal li qabel kienet tghajjat lil Tonna Auto Dealer. Ix-xhud zied jghid li din il-vettura kienet registrata f'isem Melchiore Bonnici bejn d-disgha ta' Jannr 2001 w t-tmienja ta' Lulju 2003 u f'dan il-perjodu l-licenzja taghha giet imhallsa fil-hmistax ta' Dicembru 2000 u kienet tkopri l-perjodu mill-ewwel ta' Jannar 2001 sal-ahhar tas-sena 2001. Qal li rrizultalu li kien hemm hlas iehor li sar fl-ghaxra ta' Gunju 2002 li kienet tkopri mill-ewwel ta' Jannar 2002 sal-ahhar ta' Jannar 2002, <u>jigifieri l-pagament li sar ghas-sena kurrenti tas-sena 2002 sar sitt xhur tard</u>. Ix-xhud ma kienx f'posizzjoni jghid minghand min Melchiore Bonnici kien xtara din il-karozza.

Illi nhar s-sebgha ta' Jannar 2004 **xehed Anthony Savona** [fol 85] li qal li hu kien qed jixhed ghan-nom ta' Fogg Insurance. Mistoqsi jghid fuq min kienet inxjurjata l-vettura Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni LAF 131 ix-xhud qal li ghal perjodu bejn l-ghaxra ta' Jannar 2001 sal-wiehed u tletin ta' Dicembru 2001 u bejn t-tmienja w ghoxrin ta' Jannar 2003 sal-wiehed u tletin ta' Dicembru 2003 kienet registrata fuq Melchiore Bonnici. Qal li b'hekk jfisser li <u>l-ewwel sitt xhur tas-sena 2002 din il-vettura ma kienetx koperta b'polza tas-sigurta mas-socjeta Fogg</u>. Ix-xhud esibixxa d-dokument AS [fol 87] f'dan r-rigward.

Illi nhar s-sebgha ta' Jannar 2004 xehdet **Glorianne Aquilina** [fol 91] li qalet li hija tahdem fil-Melita Restaurant f'Hal Balzan. Qalet li ghal perjodu ta' cirka sitta/ sebgha xhur fis-sajf tas-sena 2002 hija kellha relazzjoni u kienet tohrog ma Melchiore Bonnici u dan kien dejjem jghid li ma kellux flus ghaliex kien jissellifhom minghand l-imputat u li

l-ammont ta' self kien jvarja. Ziedet tghid li hi kienet qaltlu biex jiftah qalbu mas-Sinjuri Cassar dwar dan. Mistoqsija jekk Melchiore Bonnici kienx jghidilha kollox f'dan il-perjodu ix-xhud wiegbet fin-negattiv. Qalet li dwar din il-kwistjoni ma tantx kien jiftah qalbu maghha ghaliex kien dejjem jghidilha li hu kellu jaghti biss. Qalet li kienet saret taf li Melchiore Bonnici kellu karozza pero qatt ma qalilha kemm kien xtraha. Qalet li veru li hu kien qalilha li kellu relazzjoni ma tfajla ohra u li kienet anke taghtu xi flus, pero ma kienetx taf minn din t-tfajla kienet. Kull ma kienet taf li kien qalilha li l-flus ma kienx tahomlha lura. Mistoqsija kienetx taf fuq x'hiex issellef l-flus Melchiore minghand l-imputat, x-xhud wiegbet li sa fejn taf hi kien minhabba l-karozza.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2004 xehed **Aaron Galea Cavalazza** [fol 99] fejn qal li hu kien qed jixhed ghan-nom w in rappresentanza tas-socjeta Vodafone. Mistoqsi jesibixxi lista tat-telefonati li saru minn fuq telephones cellulari bin-numri 79055437 u 99445984 f'isem Melchiore Bonnici mit-tnejn w ghoxrin ta' Jannar 2003 sa tlett snin qabel skond digriet tas-sittax ta' Frar 2004, ix-xhud qal li dan ma kienx possibbli peress li n-numru in kwistjoni kien deactivated f'Lulju 2003 u ghalhekk ma kienx possibbli jaghti n-numru ta' telefonati li saru ghal dawk l-ahhar erbgha xhur. Huwa esibixxa lista tat-telefonati li saru ghal perjodu tat-tnejn w ghoxrin ta' Jannar 2000 w t-tnejn w ghoxrin ta' Jannar 2003, li giet mmarkata bhala dokument VF [fol 101]. Qal li n-numru 99445984 huwa registrat fuq Mario Cutajar detentur tal-karta tal-identita numru 147962M li joqghod 42, Triq Doni l-Qadima, Rabat. Mitlub mill-Prosekuzzjoni jghid jekk sarux telefonati minn dan in-numru ghal fuq in-numru 79055437 x-xhud wiegeb li fit-tnejn u ghoxrin ta' Jannar 2003 saret telefonata wahda biss minn fuq n-numru 99445984 ghal fuq in-numru 79055437 pero il-persuna li ghandu dan n-numru ix-xhud ma kienx f'posizzjoni jghid. Ix-xhud esibixxa d-dokument A [fol 107] f'dan r-rigward.

Illi nhar l-hdax ta' Ottubru 2004 xehed **Dottor Robert Tufigno** [fol 109] fejn qal li hu kien qed jixhed ghan-nom w in rappresentanza tas-socjeta Vodafone. Mitlub jaghti

nformazzjoni dwar telephone cellulari bin-numru 79055437 ix-xhud qal li dan huwa registrat f'isem Melchiore Bonnici detentur tal-karta tal-identita numru 30581M li joqghod 121, 'Frida', Flat 2, Triq Naxxar, B'Kara. Qal li dan in-numru huwa pre paid w ghalhekk l-informazzjoni li ghandu tista ma tkunx korretta ghax tkun nghatat b'mod informali fuq it-telefon. Ix-xhud ppresenta lista tal-outgoing w incoming calls fuq dan in-numru ghax-xahar ta' Jannar 2004 li giet mmarkata bhala dokument KF [fol 111 et seq]. Minn din l-lista jirrizulta li saru xi telefonati lin-numru 99445984, kif wkoll li gew ricevuti numri minn 99445984. Ix-xhud qal li minn din il-lista jirrizulta wkoll li kien hemm numru ta' telefonati b'call transfer. Ix-xhud ma kienx f'posizzjoni jghid jekk tkellmux jew le dwar dawn t-telefonati.

Ikkunsidrat:

Illi principalment l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' estorsjoni kif kontemplat fl-artikolu 250 tal-Kap 9.

L-elementi ta' dan r-reat huma s-segwenti:

1. il-hsieb sabiex testorci <u>flus</u>, <u>haga ohra jew li taghmel qligh</u>, jew li jgieghel lil xi persuna tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb jew tbiddel testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, <u>thedded li taghmel denunzja jew kwerela</u> kontra jew li taghmel malafama lil dik l-istess persuna jew persuni ohra.

Id-Difiza donnha bbazat il-kaz taghha billi ripprova tiskredita lil Melchiore Bonnici.

Fil-fehma tal-Qorti, Melchiore Bonnici kien konsistenti hafna f'dak li qal u cioe, li l-imputat kien jitolbu l-flus u flixken tax-xorb sabiex jaghmel qligh minn fuqu billi jheddu li jekk ma jaghmilx dak mitlub minnu, kien ser jirrapportah lil awtoritajiet ghaliex kien qallu li xi zmien ilu xtara xi television minn fuq l-idejn.

Ma hemmx dubbju li t-theddida ta' denunzja verament kienet ghaliex Melchiore Bonnici stess jammetti fix-xhieda tieghu li verament kien xtara television minn fuq l-idejn.

Melchiore Bonnici fix-xhieda tieghu jghid li l-imputat kien jitolbu flusu kull gimgha tant li spicca bla flus u li lanqas flus biex jhallas l-insurance tal-karozza ma kellu. Dawn il-fatti gew ppruvati kemm mir-rappresentant tal-Fogg Insurance, li xehed f'dawn il-proceduri kif wkoll mir-rappresentant tal-Ufficju tal-Licenzji li qal li l-licenzja ghal vettura Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni LAF 131 thallset sitt xhur tard fis-sena 2002 u ghal dan z-zmien kollu l-imputat halla l-vettura tieghu f'garaxx u spicca imur ghax-xoghol bil-mixi.

Illi l-fatt li spicca indigent huwa korroborat mill-genituri tieghu li qalu li l-imputat kien dejjem bla sold u kienu jghinuh huma u li qatt ma tahom sold, kuntrarju ghal dak li kien jghid l-imputat fuqhom ma terzi li l-genituri ta' Melchiore Bonnici kienu jisolhuh. Anke s-sidien tar-restaurant Melita jikkonfermaw li l-imputat kien ikun dejjem bla flus, nonostante l-eluf li tawh matul s-snin 2001, 2002 u 2003.

Melchiore Bonnici jghid li huwa kien jigi mgieghel jghaddi numru ta' fliexken tax-xorb lil imtpuat waqt li jkun xoghol bil-lejl u spjega kif kien jehodhom billi jpoggihom fil-karozza u jehodhom ghand l-imputat.

Illi jirrizulta mill-process u appuntu mix-xhieda tal-principal tal-Melita Restaurant, Manuel Cassar, li f'sena minnhom partikolarment fis-sena 2002, sab b'disa' mitt lira f'xorb neqsin u kien ingustament wehel ibnu tant li spicca keccih minn fuq x-xoghol. illi ghalhekk din ix-xhieda ta' Melchiore Bonnici hija wkoll korroborata.

Din il-Qorti kienet fortunata ghaliex ghexet il-process kollu, semghet lix-xhieda jixhdu u setghet tapprezza l-komportament taghhom minn fuq il-pedana tax-xhud u b'hekk setghet taghmel ezami approfondit tal-istess provi. Illi ghalhekk din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjuza hdejn Qrati ohra, ghaliex fiz-zmien li hadet biex tigbor il-provi

hija kienet f'posizzjoni li tikkontrolla x-xhieda billi qiset il-kredibilita u l-veracita taghha.

Fid-dawl tax-xhieda migjuba din **il-Qorti** thoss li ghandha taghti widen lil Melchiore Bonnici f'dak li qal u **tiddikjara li qed ssib lil imputat MARIO CUTAJAR hati tar-reat ta' estorsjoni**.

Dwar it-tieni akkuza, u cioe dik ta' ricettazzjoni, u cioe li l-imputat ircieva xorb alkoholiku gej minn delitt ta' serq li kien jigi kommess minn Melchiore Bonnici, minhabba r-raguni ta' estorsjoni, tirrizulta wkoll inkorporata fir-reat principali ta' estorsjoni.

Dwar il-piena il-Qorti, rat il-fedina penali tal-imputat esibita a fol 5 tal-process minn fejn jirrizulta li huwa kiser dufrejh mal-gustizzja f'okkazzjoni wahda biss fis-sena 1992, meta nstab hati ta' xi kontravenzjoni konnessa ma ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku, meta gie kkundannat amenda u ghalhekk din il-Qorti ghandha tittratta mieghu bhala li huwa *a first time offender*.

Illi minn naha l-ohra pero din il-Qorti trid taghmel gustizzja wkoll mas-socjeta li l-imputat jifforma wkoll parti minnha billi tikkreja bilanc bejn d-drittijiet li ghandu l-imputat u l-obbligazzjoni li din il-Qorti ghandha lejn is-socjeta.

Ma hemmx dubbju li r-reat huwa wiehed serju u l-ammont ta' qligh li l-imputat ghamel minn fuq Melchiore Bonnici huwa wiehed konsiderevoli.

Il-Qorti ma tistax ma tqisx wkoll t-tul ta' zmien li fuqu saret din l-estorsjoni.

Illi konsegwentement, il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi **partikolarment l-artikolu 18, 250 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddecidi li ssib lil imputat MARIO CUTAJAR hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor li jgib mieghu piena ta' habs f'dan il-perjodu operattiv u**

**dan ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil imputat u x'jigri f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**L-imputat jiddikjara li fehem l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------